**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 108/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**Vs**

**Depty Naval**
**Davinder Singh**

**Illum 21 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Depty Naval**, iben Vindokumar u Janikdulani, imwieled l-Indja fit-18 ta' Ottubru 1984 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 220435A, u **Davinder Singh**, iben Harbhajan u Jasvir neè Kaur, imwieled l-Indja fit-12 ta' April 1990 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 233908A:

1. Talli fit-2 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' bejn l-00:10hrs u l-00:40hrs ta' filgħodu ġewwa Triq l-Imsell kantuniera ma' Triq it-Turisti u/jew fl-akkwati ġewwa San Pawl il-Baħar, ikkommettew serq ta' oġġetti minn fuq il-persuna ta' Helen Spiteri, persuna anzjana ta' tnejn u sebgħin (72) sena, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' l-istess Helen Spiteri, u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entitajiet oħra;

2. Talli fit-2 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' bejn 00:50hrs u 03:00hrs ġewwa l-lokalità ta' San Ġiljan, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama, ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Helen Spiteri, persuna anzjana ta' tnejn u

sebgħin (72) sena u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, liema ammont ta' ħsara hekk magħmula ma tiskorrix il-ħames mitt Euro (€500);

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hekk kif indikat fl-akkuża Nru.2, bi ħsara ta' Helen Spiteri, persuna anzjana ta' tnejn u sebgħin (72) sena u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoi ta' qabel l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tas-Sub-Titolu III tat-Titolu IX tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema qligħ hekk magħmul ma jiskorrix il-ħames mitt Euro (€500);

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Depty Naval waħdu:**

4. Talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., fid-Digriet tagħha datat 17 ta' Diċembru 2020, li bih tat il-ħelsien mill-arrest;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Depty Naval u lil Davinder Singh għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Helen Spiteri;

Rat illi entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 8 sa' 11 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit mogħtija waqt is-seduti miżmuma fil-15 ta' Frar 2023[2], fis-26 ta' Ġunju 2023[3], fit-12 ta' Lulju 2023[4] u fid-9 ta' Mejju 2024[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "LZ1" sa' Dok. "LZ5" a fol. 20 sa' 27 tal-proċess, Dok. "LZM1" u Dok. "LZM2" a fol. 210 u 211 tal-proċess u Dok. "LZW1" a fol. 214 u 215 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC823 Neil Blundell mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2023[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "NB" sa' Dok. "NB4" a fol. 31 sa' 42 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Alexandra Mamo[7], ta' PS949 Matthew Calleja[8], ta' Lorraine Attard[9], ta' Kevin

---

[1] Fol. 6 u 7 tal-proċess.

[2] Fol. 16 sa' 19 tal-proċess.

[3] Fol. 209 tal-proċess.

[4] Fol. 213 tal-proċess.

[5] Fol. 246 sa' 250 tal-proċess.

[6] Fol. 28 sa' 30 tal-proċess.

[7] Fol. 47 u 48 tal-proċess.

[8] Fol. 83 u 84 tal-proċess.

[9] Fol. 85 sa' 87 tal-proċess.

Charles Falzon[10] u ta' Hu Xijun[11] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023 u rat id-dokumenti esebiti minn Dr. Alexandra Mamo markat Dok. "AM" (it-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati) a fol. 49 sa' 82 tal-proċess, u minn Lorraine Attard markat Dok. "LA" a fol. 88 sa' 93 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC119 Isaac Gauci[12] u ta' Tiziana Mayer[13], in rappreżentanza ta' Identity Malta, mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2023 u rat id-dokumenti esebiti minn Tiziana Mayer markati Dok. "TM1" u Dok. "TM2" a fol. 104 sa' 134 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco[14] u ta' Jacqueline Busuttil[15], Professional Lead ta' l-Audiology Services ta' l-Isptar Mater Dei, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2023 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku John Sacco markata Dok. "JSX" a fol. 140 sa' 184 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Stephen Gulia mogħtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Mejju 2023[16] u tal-31 ta' Awwissu 2023[17] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "SGA" a fol. 186 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Sarah Rausi, in rappreżentanza ta' Bank of Valletta p.l.c., mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2022[18] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "SR" a fol. 193 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Saviour Spiteri[19] u ta' Helen Spiteri[20] mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023 u x-xhieda ta' Ryan Dimech mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023[21], semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Cassar mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2023[22] u semgħet ix-xhieda ta' Christopher Gatt mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2024[23] (mogħtija limitatament għall-fini ta' talba għal ħelsien mill-arrest avvanzata mill-imputat Davinder Singh) u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "CG" a fol. 260 u 261 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 29 ta' Jannar 2024[24], permezz ta' liema:

Bagħat liż-**żewġ imputati flimkien** sabiex jiġu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 412Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[10] Fol. 94 sa' 97 tal-proċess.

[11] Fol. 98 sa' 102 tal-proċess.

[12] Fol. 103A u 103B tal-proċess.

[13] Fol. 103C u 103D tal-proċess.

[14] Fol. 138 u 139 tal-proċess.

[15] Fol. 187 u 188 tal-proċess.

[16] Fol. 185 tal-proċess.

[17] Fol. 222 sa' 224 tal-proċess.

[18] Fol. 191 u 192 tal-proċess.

[19] Fol. 197 sa' 200 tal-proċess.

[20] Fol. 201 sa' 205 tal-proċess.

[21] Fol. 226 sa' 228 tal-proċess.

[22] Fol. 230 tal-proċess.

[23] Fol. 255 sa' 259 tal-proċess.

[24] Fol. 238 u 239 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 20, 257D(1)(a), 261(ċ)(f), 267, 270, 279(b), 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 257D(1)(a), 308 u 310(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 257D(1)(a), 309 u 310(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bagħat lill-**imputat Depty Naval waħdu** sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2024[25], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputati entrambe ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Semgħet is-sottomissjonijiet verbali da parte tal-Prosekuzzjoni u rat in-Nota Responsiva ta' l-imputat Davinder Singh a fol. 277 sa' 286 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-**imputati flimkien** qed jiġi mixlija: (1) talli fit-2 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' bejn l-00:10hrs u l-00:40hrs ta' filgħodu ġewwa Triq l-Imsell kantuniera ma' Triq it-Turisti u/jew fl-akkwati ġewwa San Pawl il-Baħar, ikkommettew serq ta' oġġetti minn fuq il-persuna ta' Helen Spiteri, persuna anzjana ta' tnejn u sebgħin (72) sena, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' l-istess Helen Spiteri, u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entitajiet oħra; (2) talli fit-2 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' bejn 00:50hrs u 03:00hrs ġewwa l-lokalità ta' San Ġiljan, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama, ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Helen Spiteri, persuna anzjana ta' tnejn u sebgħin (72) sena u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, liema ammont ta' ħsara hekk magħmula ma tiskorrix il-ħames mitt Euro (€500); (3) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hekk kif indikat fl-akkuża Nru.2, bi ħsara ta' Helen Spiteri, persuna anzjana ta' tnejn u sebgħin (72) sena u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoi ta' qabel l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tas-Sub-Titolu III tat-Titolu IX tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema qligħ hekk magħmul ma jiskorrix il-ħames mitt Euro (€500).

[25] Fol. 240 tal-proċess.

L-**imputat Depty Naval waħdu** qed jiġi mixli talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., fid-Digriet tagħha datat 17 ta' Diċembru 2020, li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

Entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 29 ta' Jannar 2024[26], l-Avukat Ġenerali bagħat:

Liż-**żewġ imputati flimkien** sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 412Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 20, 257D(1)(a), 261(ċ)(f), 267, 270, 279(b), 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 257D(1)(a), 308 u 310(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 257D(1)(a), 309 u 310(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U lill-**imputat Depty Naval waħdu** sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

L-**Ispettur Lydon Zammit**[27] xehed illi *fit-2 ta' Jannar ta' din is-sena 2023, għall-ħabta tan-nofsiegħa, is-Sinjura Helen Spiteri detentriċi tal-Karta ta' l-Identità numru 755351(M), irrapportat ġewwa l-Għassa tal-Qawra li kienet għadha kif sfat misruqa minn persuna fejn ħadilha l-handbag bil-kontenut kollu li kien fih u dan l-inċident ġara fi Triq l-Imsell, San Pawl il-Baħar. Hi spjegat lill-Pulizija illi waqt l-inċident hi kienet mar-raġel tagħha Saviour Spiteri, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 59239(G), li hu min-naħa tiegħu pprova jsegwi lil din il-persuna li serqilha l-handbag, iżda minħabba l-età tagħhom, ma rnexxilux. Il-Pulizija, kien hemm diffikultà kbira biex jikkomunikaw mas-Sinjura minħabba li fil-baskett hi kellha l-hearing aid u għalhekk mingħajrha ma bdiet tisma' xejn u b'hekk kien hemm diffikultà sabiex ikun hemm komunikazzjoni bejn il-Pulizija tad-Distrett li qed jieħdu r-rapport dak il-ħin u l-vittma. Fil-fatt, anke fil-post fejn ġara l-inċident, iktar tard fl-investigazzjoni rriżulta illi kien ftit il-bogħod minn fejn ippruvat tispjega Helen Spiteri. Aħna min-naħa tagħna tkellimna ma' Helen*

[26] Fol. 238 u 239 tal-proċess.

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2023, fol. 16 sa' 19 tal-proċess.

*Spiteri, u aktar milli ma' Helen Spiteri, mar-raġel tagħha li kien preżenti minħabba, illi kif spjegajt, id-diffikultà li tisma', fejn spjegawlna illi għall-ħabta tal-00:15a.m., huma kienu għaddejjin minn Triq it-Turisti għal Triq l-Imsell, ġie persuna li mar fuq Helen, ħatfilha l-handbag li kellha u telaq jiġri fid-direzzjoni ta' għalqa kbira illi hemm just round the corner u ħarab fiha. Saviour Spiteri pprova isegwih, qed nitkellmu fuq raġel ta' 'l fuq minn 80 sena, ipprova jsegwih iżda ma irnexxilux. L-allegata vittma għandha madwar 72 sena. Huma spjegawlna illi fil-baskett kellha żewġ credit cards li kienu waħda tal-BOV u waħda ta' l-HSBC, nuċċali, ovvjament il-portmoni b'xi flus ġo fih u l-hearing aid li kif spjegat illi kienu spiċċawlha l-batteries u għalhekk tefgħethom fil-handbag tagha. Il-Pulizija marru wkoll mar-raġel tagħha sabiex jurina l-post eżatt fejn ġara dan, irriżulta illi huwa Triq it-Turisti, kantuniera ma' Triq l-Imsell, ġara hemmhekk. Huma qalulna illi l-persuna li ħadilhom l-affarijiet kien liebes kollox iswed u ta' tul medju. Konna nfurmati illi l-BOV cashlink kienet intużat bejn is-01:00a.m. u s-01:30a.m. f'diversi ħwienet f'San Ġiljan. Dan kien infurmahom mill-ewwel lill-Pulizija minħabba illi bdew jirċievu SMS fuq il-mobile li l-ewwel kienet intużat imbagħad kienu qed isiru attempts illi tintuża'. Aħna konna bgħattna request lill-Bank of Valletta sabiex naraw it-transactions illi kienu saru, irriżultalna illi kienu saru ħames transactions fejn waħda minnhom kienet għaddiet u l-erbgħa l-oħra m'għaddewx. L-ewwel transaction kienet fis-01:00a.m. fejn din intużat fit-taxi stand ta' Paceville li hemm fil-pjazza quddiem il-Burger King fejn hemm ġie imħallas l-ammont ta' €20. Fis-01:15a.m., jiġifieri hawnhekk qed nitkellmu madwar 50 minuta jew 55 minuta wara li ġara l-inċident, kienu saru żewġ attentati mill-ħanut Asia Kingdom li qiegħed iktar l-isfel, ftit il-fuq mill-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fejn saru żewġ attentati ta' €70 il-waħda iżda ddaħħal il-pin ħażin għalhekk ma setgħetx tgħaddi, imbagħad saru żewġ transactions oħra fis-01:25a.m. u fis-01:27a.m. minn ħanut ieħor Basic Food & Drinks li qiegħed San Ġiljan ukoll, ftit il-bogħod mill-Asian Kingdom fejn dawn ukoll ġew declined. Meta aħna staqsejna għalfejn dawn ma ġewx aċċettati, dan kien minħabba illi l-vittma kienet digà għalqet il-credit cards tagħha mal-Bank rispettiv. Min-naħa tagħna ippruvajna nniżżlu xi cameras illi kien hemm fuq il-post fil-Qawra, San Pawl il-Baħar, iżda sfortunatament iż-żewġ cameras relevanti li kellna kien hemm problema bil-pin u l-owners tagħhom kellhom xi problema biex iniżżluhom, għalhekk l-investigazzjoni morna n-naħa ta' San Ġiljan fejn intużaw il-cards u hemmhekk bdejna mill-Basic Food & Drinks fejn kellna l-konferma illi ppruvat tintuża' li qiegħed fi Triq il-Qaliet, San Ġiljan, fejn dak il-ħin indikat mill-Bank u għall-ħabta tas-01:25a.m. jew is-01:27a.m., jidhru żewġ min-nies deħlin fl-istess ħanut, il-persuni jidhru li huma ta' nazzjonalità Ażjatika. Wieħed mill-irġiel baqa' barra mill-ħanut u l-ieħor daħal fil-ħanut u pprova jixtri xi affarijiet żgħar. Jidher qed jipprova jħallas bil-card, il-card ma tgħaddix, jidħol il-persuna l-oħra, jitkellmu bejniethom imbagħad iħallsu għall-ilma u għall-affarijiet żgħar oħra li kellhom. Komplejna wkoll naraw il-movimenti tagħhom fejn ukoll kien ġie ikkonfermat illi kienu marru fl-Asian Kingdom fejn kien ikkonferma illi kienu ġew żewġ persuni, kienu talbuh sabiex jgħaddilhom il-card b'€70 u jagħtihomlom cash. Iżda hemmhekk hu nfurmana wkoll, fil-fatt kellna konferma aħna mir-rendikont li irċevejna mill-BOV, illi l-pin bdew idaħħluħ ħażin, ovvjament għax ma kinitx tagħhom u għalhekk ma setgħetx issir din it-transaction sabiex jagħtihom is-€70 cash illi talbuh.*

L-Ispettur Zammit xehed ulterjorment illi *għall-ħabta tas-01:00a.m. bqajna naraw il-movimenti tagħhom, fejn ukoll kellna l-konferma illi fis-01:00a.m. intużat il-card, fejn għall-ħabta tas-01:00a.m., jiġifieri madwar 35 minuta jew 40 minuta wara l-inċident, jidhru ġejjin it-tnejn min-nies li dehru qed jużaw il-cards fiż-żewġt iħwienet, b'taxi bin-numru TAXI135M minn Triq Elija Zammit, jieqfu quddiem it-taxi stand illi hemm fil-pjazza, jinżlu minnha, l-ewwel jinżel Depty Naval, illi qed naghraf hawnhekk li qiegħed bit-tracksuit, jinżel ix-xufier u jsegwih imbagħad jinżel persuna oħra li sa' dak il-ħin kien għadu ma ġiex identifikat, li imbagħad ġie identifikat bħala Davinder Singh, li huwa l-persuna fuq il-lemin. Depty jidher illi qiegħed isegwi lix-xufier għal ġot-taxi stand u hemmhekk jidher li qed iħallas dawk l-€20 għall-użu tat-taxi li kienu għamlu. Ġie identifikat ix-xufier ta' l-istess taxi li huwa ċertu Kevin Charles Falzon, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 508988(M), fejn ġie mitkellem u kkonferma illi fit-2 ta' Jannar, kienu waqfuh żewġ persuni fl-inħawi ta' Kennedy Grove, San Pawl il-Baħar u qalulu sabiex jeħodhom Paceville. Wieħed minnhom kien qallu biex iħallas bil-credit card iżda hu nfurmah illi fil-karozza ma għandux il-magna biex ikun jista' iżda kif jaslu Paceville ikun jista' jħallas bil-credit card ġot-taxi pay booth tagħhom. Eżatt kif waslu Paceville, wieħed mis-suspettati segwieh u ħallsu normali. Kevin qalilna illi ma kien hemm l-ebda problemi bil-card minħabba li hija contact less u għalhekk għaddiet b'mod normali. Wieħed mill-persuni ġie identifikat kif digà spjegajt bħala Depty Naval, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 220435(A) fejn hu ġie identifikat wara li hu magħruf mal-Pulizija u jiffirma darbtejn kuljum ukoll, fl-Għassa ta' Tas-Sliema. Konna għadna kif ġejna nfurmati wkoll illi kien għadu kif ġie arrestat mill-Pulizija fuq każ separat u miegħu wkoll kien hemm arrestat ċertu Davinder Singh, detentur tal-Karta ta' l-Identità Maltija numru 233908(A), it-tnejn li huma ta' nazzjonalità Indjana. Meta aħna għamilna l-verifiki tagħna rigward it-tieni persuna li kien Davinder Singh li ġie arrestat ukoll ma' Depty, ikkonfermajna mill-ewwel illi huwa t-tieni persuna li konna qed infittxu, li sa' dak il-ħin konna għadna ma identifikajnihiex. Inġabu żewġ mandati ta' arrest li ħarġithom il-Maġistrat Dr. Charmaine Galea fejn fis-6 ta' Frar ta' din is-sena* [2023], *iż-żewġ persuni ġew arrestati mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, fejn it-tnejn li huma inġabu fid-Depot tal-Pulizija fejn Depty Naval, wara illi ngħata d-drittijiet legali kollha tiegħu, għażel illi jkellem lil Dr. Mario Mifsud fejn waqt l-istqarrija li ta u kkonferma illi kien hu li pprova juża' l-cards misruqin, iżda qal illi hu ma kienx involut f'dan is-serq u qal illi ltaqa' mal-persuna l-oħra Davinder Singh ġo Paceville stess u kien Davinder li tah dawn il-credit cards biex jużahom. Meta aħna ... konna urejnieh anke l-footages tal-cameras, hu nieżel mit-taxi flimkien ma' Davinder u kif ukoll kellna l-konferma tat-taxi driver li ġabarhom minn ġewwa San Pawl u baqa' jinsisti fuq l-istorja tiegħu illi hu ltaqa' miegħu ġo Paceville u kien Davinder illi tah dawn l-affarijiet misruqa sabiex jużahom. Min-naħa tiegħu Davinder ukoll kien għażel illi jkellem lil Dr. Daniel Attard li wkoll kien preżenti waqt l-istqarrija, fejn dan min-naħa tiegħu ma kienx wieġeb għall-ebda domanda waqt l-istqarrija. Qabel ma dħalna għall-istqarrija hu kien ikkonferma illi l-persuna li tidher fil-filmati kien hu iżda ma weġibx għal aktar domandi.*

L-Ispettur Zammit ippreżenta r-rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ - Dok. "LZ1" a fol. 20 sa' 25 tal-proċess, il-Mandati ta' Arrest u Tfittxija maħruġa fil-konfront ta' l-

imputati - Dok. "LZ2" u Dok. "LZ3" a fol. 25 u 26 tal-proċess, kif ukoll l-istqarrijiet awdjo-vizwali tagħhom - Dok. "LZ4" u Dok. "LZ5" a fol. 27 tal-proċess. Fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2023[28], l-Ispettur Zammit ippreżenta estratti taċ-ċertifikati tat-twelid ta' Saviour Spiteri u ta' Helen Spiteri markati Dok. "LZM1" u Dok. "LZM2" a fol. 210 u 211 tal-proċess u fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2023[29], l-Ispettur Zammit ippreżenta Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġ mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Edwina Grima fis-17 ta' Diċembru 2020 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Depty Naval" - Dok. "LZW1" a fol. 214 tal-proċess.

In kontro-eżami[30], l-Ispettur Lydon Zammit, tenna li għalkemm fil-kors ta' l-invesitgazzjonijiet tagħhom il-Pulizija ppruvaw jottjenu footage minn CCTV cameras fl-akkwati ta' fejn seħħet l-allegata serqa ġewwa San Pawl il-Baħar, dan fil-fatt ma seħħx għaliex kien hemm problemi biex isiru *downloads*. Stqarr illi *l-cameras fuq il-post kellna problema b'xi tlieta jew erbgħa minnhom imbagħad irriżultalna li daħlu ġo għalqa kbira, San Pawl hemm għalqa enormi li tagħti għall-ħruġ u dħul minn jaf minn kemm il-parti ta' San Pawl, imma imbagħad hemmhekk jintilfu.* Ikkonferma li min-naħa tagħhom Helen Spiteri u Saviour Spiteri semmew biss persuna waħda bħala li wettqet l-allegata serq iżda *rriżulta li minn San Pawl, fil-fatt ikkonferma wkoll ix-xufier tat-taxi, minuti wara li ġara l-inċident, li t-tnejn li huma* (ossia l-imputati) *rikbu fit-taxi u rikbu minn San Pawl. Rikkibhom ftit 'il bogħod minn fejn qed infiehem din l-għalqa, mill-ħruġ ta' din l-għalqa li hija lejn il-flattijiet tal-Big Bon biex niftehmu. ... Huma dejjem semmew raġel wieħed. ... Jiena ma nistax nasal għall-konklużjoni kemm kienu, jiena li hu żgur minnu huwa li ftit wara l-inċident u meta rikbu t-taxi minn San Pawl, rikbu tnejn u dan huwa stat ta' fatt għax xehdha x-xufier tat-taxi. Li t-tnejn li huma marru minn San Pawl għal Paceville u jinqabdu ż-żewġ imputati, huwa stat ta' fatt għax imbagħad jinqabdu bil-cameras. Issa ż-żewġ vittmi jindikaw persuna waħda...* Għall-mistoqsija *għedtilna li l-għalqa hija kbira u għandha ħafna dħul, naqblu li fir-rigward ta' footages u CCTV illimitajtu ruħkom biss għat-triq fejn ġrat il-biċċa tax-xogħol jew inkella dortu d-dintorn kollu?* l-Ispettur Zammit wieġeb *minn fejn ġara għall-għalqa hemm madwar ħamsin jew sittin metru viċin, jiġifieri d-dħul fejn indikalna l-anzjan għax hu kien ġera warajh imbagħad tilfu, huwa ma qalx għall-għalqa imma fejn indikalna tiġi għall-entratura ta' l-għalqa u ovvjament imbagħad ma tantx hemm fejn immorru u iktar u iktar imbagħad kien hemm ix-xufier li qalilna l-point minn fejn ġabarhom u minn hemmhekk stajna naslu għall-investigazzjoni kollha minn fejn daħlu u minn fejn setgħu ħarġu. Issa biex ħarġu għall-point minn fejn ġabarhom tat-taxi, hemm ħafna ħafna points. Jidhirli li kienu raw xi cameras minn fejn ħarġu iżda ma rnexxilniex narawhom. Din hija għalqa ġo nofs San PAwl u hija enormi bħala area u l-ħruġ minnha, mhux xi ħruġ uffiċjali, ma hemmx bieb jiġifieri jekk taqbeż ċint għax hi ċint kollu, tista' taqbeż minn kullimkien u għalhekk huwa impossibbli tkun taf minn fejn ħarġu. Probabbli mbagħad tajna struzzjonijiet tagħna li mbagħad nibda naħdem u ma nibqax naħli r-riżorsi tiegħi fuq San Pawl imma mbagħad la kelli fejn nasal Paceville, nasal hemmhekk hux.* Mistqosi jikkonfermax li l-unika ċertezza li

---

[28] Fol. 209 tal-proċess.

[29] Fol. 213 tal-proċess.

[30] Seduta tad-9 ta' Mejju 2024, fol. 246 sa' 250 tal-proċess.

għandha l-Pulizija f'dan il-każ huwa li ż-żewġ imputati rikbu t-taxi mill-Qawra sa' San Ġiljan, l-Ispettur Zammit wieġeb *iċ-ċertezza hija kif rikbu t-taxi, hemmhekk qiegħda ċ-ċertezza issa mbagħad aħna bħala uffiċjali tal-Pulizija, mhux ħa ngħid ħa nitfagħha fl-arja, imbagħad tibda tara li ħin bejn l-inċident u rikbu t-taxi huwa limitat, il-post fejn rikeb it-taxi u fejn qed naħsbu ħareġ u daħal jagħmlu ħafna sens u mbagħad nibdew naslu għall-konklużjoni. Iktar u iktar meta mbagħad teħdilhom il-verżjonijiet u wieħed minnhom jgħidlek jiena ma ġejtx bit-taxi imma iltqajt miegħu Paceville. Hemmhekk għandek camera li qed jidhru li huma ġew f'daqqa bit-taxi, mela hemmhekk il-verżjoni tiegħu stess hija mgiddba bi prova u mhux ser nemmnuha.*

Ir-rapport ta' Helen Spiteri esebit mill-Ispettur Zammit - Dok. "LZ1" - ġie kkonfermat minn **PC119 Isaac Gauci**[31] u fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2023, l-**Ispettur Jonathan Cassar**[32] ikkonferma li d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest ippreżentat mill-Ispettur Zammit kien inħareġ fil-konfront ta' Depty Naval, li hu għarfu bħala imputat f'dawn il-proċeduri, fil-proċeduri "Il-Pulizija v. Depty Naval", f'liema proċeduri huwa l-Uffiċjal Prosekutur u sa' dakinhar tax-xhieda tiegħu l-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest kienu għadhom in vigore.

Dak affermat mill-Ispettur Lydon Zammit ġie kkoroborat u kkonfermat ukoll mill-Ispettur Stephen Gulia fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023[33]. Apparte minnhekk huwa ppreżenta wkoll email mibgħuta lilu minn Jacqueline Busuttil, Professional Lead Audiology Coordinator Malta, minn liema jirriżulta li l-hearing aid li Helen Spiteri rrapportat li nsterqilha kien jiswa bejn €9,000 u €10,000 - Dok. "SGA" a fol. 186 tal-proċess. Dana fil-fatt ġie kkonfermat minn **Jacqueline Busuttil**[34] stess illi xehdet li *l-oġġett huwa cochlear implant li huwa ta' hearing aid imma very advanced, specialised, u l-valur tiegħu, just il-biċċa ta' barra huwa bejn €9,000 u €10,000.* Stqarret ukoll illi mingħajr din il-parti partikolari tal-hearing aid, il-persuna konċernata ma tistax tisma' mingħajrha.

**PC823 Neil Blundell**[35] ippreżenta *timeline of events* pertinenti għall-investigazzjoni tal-Pulizija dwar dan il-każ u l-filmati relattivi - Dok. "NB" sa' Dok. "NB5" a fol. 31 sa' 42 tal-proċess - u fir-rigward xehed illi *fl-ewwel paġna hemm il-mappa sabiex inkunu nistgħu niffamiljarizzaw ruħna mal-post, numerati bil-postijiet minn fejn ġibna l-filmati tas-CCTVs minn diversi stabbilimenti differneti. Fuq paġna numru 3 naraw il-wasla ta' Depty Naval u Davinder Singh jaslu ġewwa pjazza Paceville permezz ta' taxi li iktar tard sirna nafu wkoll illi x-xufier tat-taxi, hu kien indikalna illi kien telaq bil-passiġġieri li rikkeb minn Buġibba stess u dan qed nitkellmu madwar 40 minuta wara li ġara l-każ ġewwa Buġibba. Iktar 'l isfel nistgħu naraw kemm lil Davinder Singh kif ukoll lil Depty Naval ħerġin mit-taxi kif indikat fir-ritratti. Iktar il-quddiem, mill-istess CCTV footages tat-taxi stand ġewwa l-istess pjazza, naraw lil Depty Naval jipproċedi sabiex ikun*

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2023, fol. 103A u 103B tal-proċess.

[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2023, fol. 230 tal-proċess.

[33] Fol. 222 sa' 224 tal-proċess.

[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2023, fol. 187 u 188 tal-proċess.

[35] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2023, fol. 28 sa' 30 tal-proċess.

*jista' jagħmel il-ħlas tat-trip illi għamlu bejn Buġibba u San Ġiljan. Fit-tieni ritratt min-naħa ta' fuq, nistgħu naraw lil Depty Naval bil-credit card f'idu u cioè l-credit card illi kienet ġiet misruqa minn fuq Helen Spiteri illi hija l-vittma tal-każ. Iktar 'l isfel jidher ukoll Depty Naval qed jipprova jagħmel il-pagament. Fl-ewwel ritratt jidher qed jipprova jħallas bi credit card ta' HSBC li ma għaddietx, ma nrexxilux jagħmlu l-pagament u fit-tieni ritratt jider illi wara li bidel il-credit card, għamel il-pagament li kien ta' €20 permezz ta' BOV. Jiġifieri dan kollu jidher iktar ċar ovvjament fil-filmat. Dawn il-credit cards kienu t-tnejn li huma proprjetà tal-vittma Helen Spiteri. Fil-paġna li jmiss qed naraw l-istess xena però minn CCTV footage differenti li hija tal-LESA ġewwa l-istess pjazza, fejn l-ewwel ritratt qed naraw il-wasla tagħhom u isfel jidhru iktar ċari ħerġin mill-karozza flimkien sabiex imorru jħallsu t-trip li għamlu. Jekk neqilbu l-paġna, wara hemmhekk l-akkużati qabdu triqithom 'l isfel lejn Triq San Ġorġ u fl-ewwel ritratt rajnihom għaddejjin permezz tal-cameras tas-CCTV footages li hemm fejn il-Big Gs biex niftehmu fejn dak il-ħanut tax-xorb fil-kantuniera ħa jaqbdu t-triq 'l isfel lejn Spinola Bay u iktar 'l isfel jidhru minn CCTV footage differenti, din id-darba ta' l-istabiliment li jismu C'Est La Vie, neżlin 'l isfel jiġifieri jidhru ċari bil-ħwejjeġ b'kollox. Iktar kemm immorru 'l isfel, din id-darba qasmu t-triq u mill-footage ta' l-Asian Kingdom li huwa restaurant iktar 'l isfel fl-istess triq, jidhru t-tnejn li huma flimkien neżlin 'l isfel. Fl-ewwel ritratt jidhru għaddejjin minn quddiem il-ħanut, fit-tieni ritratt, ta' ma' ġenbu naraw lil Depty Naval dieħel fil-ħanut u fit-tielet ritratt jidher Davinder jistennieh fuq barra. Iktar 'l isfel, mill-istess cameras ta' l-istabiliment, naraw lil Depty Naval illi daħal fl-istabiliment mingħajr hood f'rasu, jipproċedi sabiex ikun jista' jagħmel pagament imbagħad irriżulta illi kienu żewġ attentati ta' €70 biex iħallas, sabiex ikun jista' jieħu cash tagħhom però ma irnexxilux għaliex il-vittma kienet laħqet għalqet il-cards u fit-tieni ritratt jidher illi għatta wiċċu minħabba l-cameras u qed jagħmel dawn l-istess transazzjonijiet. .... fuq dawn il-filmati ta' dan il-ħanut, minħabba raġuni teknika, l-owner tal-post kien ta' nazzjonalità Ċiniża u minħabba l-lingwa kienet diffiċli sabiex nagħmlu download tal-footage dirett mid-DVR tas-sistema. Kien għalhekk illi jiena ħadt video bil-mobile tiegħi minn fuq il-mobile tiegħu u l-videos qegħdin ippreżentati l-Qorti. L-istills huma meħudin mill-istess filmat. Wara li ħarġu minn hemmhekk, huma komplew triqithom 'l isfel, inqabdu mill-footage ta' l-istabiliment Cafe Cuba fi Triq San Ġorġ, jidhru neżlin 'l isfel, dan għall-ħabta tas-01:15a.m., hemm il-ħinijiet u fl-istampi t'isfel jidhru illi waslu fejn il-monument tal-Love biex niftehmu li qiegħed Spinola Bay. Fl-ewwel ritratt jidhru neżlin 'l isfel, iktar tard huma qasmu u jidher Depty Naval qed jipprova jwaqqaf taxi però għal xi raġuni jew oħra t-taxi ma għabbiehx, fit-tielet ritratt qasmu faċċata u fir-raba' ritratt reġgħu qabdu triqithom il-fuq. Waqfu hemmhekk mingħajr ma kienu jafu għal ebda raġuni partikolari. Jekk neqilbu l-paġna għal paġna 9, nerġgħu naraw illi mill-istess CCTV footages ta' Cafe Cuba fi Triq San Ġorġ, huma din id-darba reġgħu telgħin triqithom lura, din id-darba l-kontra ta' kif niżlu, dan kollu fi ftit minuti u inqabdu mill-footage telgħin il-fuq. Aktar il-quddiem waslu quddiem l-istabbiliment bl-isem ta' Basic Food & Drinks. Hawnhekk jidhru mill-footages illi jinsabu fi Triq San Ġorġ però kantuniera ma' Triq il-Qaliet, jiġifieri s-side door tal-istabiliment, huma daħlu hemmhekk u fl-ewwel ritratt qed naraw lil Davinder Singh li għatta wiċċu u daħal fuq ġewwa u fit-tieni ritratt jidher Depty Naval jistennieh fuq barra. Fil-paġna ta' wara hemm kronoloġija ta' dak li għamlu fuq*

*ġewwa fejn fl-ewwel ritratt jidher Davinder Singh qed jipprova jagħmel pagament, illi wara skoprejna li kien għal flixkun ilma ta' €0.95, liema transaction ma għadditlux, fit-tieni wieħed qed nerġgħu narawh iktar identifikat bil-camera, bil-credit card f'idejh, fit-tielet ritratt jidher illi ma rnexxilux u tidher il-credit card ta' kulur aħdar jew lime tal-BOV u fir-raba' ritratt reġa' daħal ġol-ħanut Depty Naval sabiex ikunu jistgħu jagħtuh credit card oħra u jippruvaw iħallsu minnha. Ma rnexxilhomx u fil-ħames u fis-sitt ritratt naraw kemm lil Depty Naval u kemm lil Davinder Singh, jerġgħu triqithom lura u joħorġu l-barra mill-istabbiliment. Fl-aħħar paġna, apparti dan it-timeline qed nagħmel comparision ta' ġakketta. L-ewwel ritratt huwa Davinder Singh jinqabad f'wieħed mill-filmati li għandna u t-tieni ritratt hija ġakketta li ġiet elevata minn fuqu aktar tard meta kien ġie arrestat mill-Pulizija waqt li kien fil-lock up tal-Pulizija.*

Mistoqsi dwar CCTV cameras fl-akkwata ta' fejn seħħet is-serqa, ossia f'San Pawl il-Baħar, PC823 Neil Blundell wieġeb illi filmati l-Pulizija ma għandhomx u dana minħabba l-fatt li għalkemm ġew innutati xi CCTV cameras f'dik l-akkwata, meta tkellmu mas-sidien, dawn qalulhom li s-sistemi ma kienux jaħdmu u b'hekk filmati ma' kienx hemm.

L-**Espert Tekniku John Sacco**[36] analizza l-filmati esebiti minn PC823 Neil Blundell u ħareġ l-istills pertinenti u rilevanti għal dawn il-proċeduri. Mir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku esebita bħala Dok. "JSX" a fol. 140 sa' 184 tal-proċess u l-istills relattivi, jirriżulta kkonfermat it-timeline ppreparat u ppreżentat minn PC823 Neil Blundell.

**PS949 Matthew Calleja**[37] ikkonferma li nhar it-2 ta' Jannar 2023, waqt li kien qiegħed xogħol ta' bil-lejl ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra, għall-ħabta tas-00:40a.m. daħlet Helen Spiteri illi għamlet rapport peress li kienet għadha kif sfat misruqa. Is-Surġent Calleja xehed illi Helen Spiteri rrappurtat illi *kien hemm persuna illi kien imbuttaha fl-art u ħadilha l-handbag. Meta staqsejniha fejn kienet, hi qaltli illi kienet ġewwa Triq l-Imsell, San Pawl il-Baħar. … Lis-Sinjura Spiteri staqsejtha jekk weġġgħetx u hi qalet li le, qalet illi ħadilha l-handbag u kellha n-nuċċali u kellha hearing aids ukoll. Dak il-ħin is-Sinjura Spiteri qaltilna ukoll illi kienet mar-raġel tagħha u li hu mar jiġri wara s-sinjur li għamel dan l-att imma ovvjament ma qabdux għax ir-raġel tagħha qalet li għandu xi tip ta' diżabilità, kien bil-krozzi u jiġifieri ovvjament, dan ma qabdux. Iżjed tard imbagħad, aħna staqsejniha għidnielha sabiex tagħtina d-description tal-persuna, hi qaltilna illi hu kien liebes kollox iswed, kien irqiq, għadu żgħir u li huwa ta' karnaġġjon abjad qaltilna. Aħna dak il-ħin, jiena flimkien mal-kollegi tiegħi morna nduru ġewwa Triq l-Imsell u fl-akkwata sabiex naraw jekk insibux dan il-persuna skond id-description illi tatna iżda aħna ma rajniehx. Iżjed tard, ir-raġel ta' Helen ċempel ġewwa l-Għassa u qal illi l-card tagħha ġiet użata ġewwa San Ġiljan, ġol-ħanut bl-isem ta' Basic Food & Drinks. Ma niftakarx eżatt kemm kien it-transaction imma f'xi ftit cents jekk mhux sejjer żball.*

---

[36] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2023, fol. 138 tal-proċess.

[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023, fol. 83 u 84 tal-proċess.

Is-Surġent iddikjara li huwa personalment ma kienx iltaqa' mar-raġel ta' Helen Spiteri peress illi hija kienet marret l-Għassa waħdeha, iżda stqarr illi l-imsemmija Helen Spiteri kellha madwar 70 jew 72 sena.

**Kevin Charles Falzon**[38], ix-xufier tat-taxi li skond il-Pulizija wassal lill-imputati minn ħdejn Kennedy Grove sa' Paceville, xehed illi f'Jannar ta' l-2023 huwa kien *nieżel* - bit-taxi bin-Numru TAXI-135 u bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CQZ-035 - *mill-Mellieħa u l-Qawra, l-isfel mill-ground qabel ma taqbad is-Salini u l-Coast Road, waqqfuni tnejn min-nies staqsewni "kemm?" u għidtilhom illi l-prezz għal Paceville huwa ta' €20. Riedu jħallsu bil-card u x'ħin wasalna Paceville għandna taxi booth u ħallsu hemmhekk.* Huwa wassalhom Paceville u waqqafhom fil-pjazza ta' Paceville quddiem il-Burger King fejn hemm it-taxi booth. Kevin Charles Falzon iddikjara illi jaħseb li t-tnejn min-nies li wassal dakinhar, fejn wieħed minnhom kellu l-leħja u entrambe kienu ta' karnaġġjon skur, kienu l-imputati iżda saħaq li fejn it-taxi booth hemm CCTV cameras. Stqarr illi għall-ħlas ta' €20, użaw żewġ cards, waħda tal-BOV u l-oħra ta' l-HSBC, fejn l-ewwel ippruvaw jużaw l-HSBC iżda ma għaddietx u imbagħad użaw tal-BOV illi għaddiet. Muri d-dokument Dok. "NB" illi ġie esebit minn PC823 Neil Blundell, Kevin Charles Falzon għaraf lilu nnfisu nieżel mit-taxi u jiftaħ il-bieb għall-passiġġieri tiegħu u għaraf ukoll li l-passiġġieri li kellu kienu dawk li huwa rikkeb fil-vettura tiegħu minn ħdejn Kennedy Grove. Stqarr illi dawn il-passiġġieri kienu qed jitkellmu bejniethom b'lingwa barranija li huwa ma għarafhiex iżda ftakar illi staqsewh x'ħin kien u huwa wieġeb li kienu is-1:00a.m.

**Xijun Hu**[39], manager fl-istabbiliment Asian Kingdom fi Triq San Ġorġ ġewwa San Ġiljan iddikjara li fl-1 ta' Jannar 2023 daħal persuna fil-ħanut fejn talbu l-għajnuna peress li kellu bżonn flus kontanti għax kellhom bżonn jixtru xi ħaġa. Dan ġara għall-ħabta tas-1:00a.m., u għalkemm fil-ħanut daħal raġel wieħed, barra kien hemm raġel ieħor qed jistennieh u kif ħareġ mill-ħanut huma telqu minn fuq il-post flimkien. Fir-rigward ta' dak li ġara fil-ħanut, Xijun Hu ddikjara *they used a credit card. We tried to tell him because like this one we can and then he tried because he really needed help so we tried to help him and after he tried to put in the pin, it was not correct, I tried asking him if that was his card, he said yes, then he tried to put in another pin, it still didn't work and he left.* Dakinhar li ta x-xhieda tiegħu, Xijun Hu għaraf lill-imputat Depty Naval bħala l-persuna li daħal fil-ħanut u ipprova juża l-card sabiex jottjeni flus kontanti. Għaraf lill-imputat l-ieħor Davinder Singh bħala l-persuna li kien qed jistenna barra. Muri d-dokument Dok. "NB" esebit minn PC823 Neil Blundell huwa għaraf ir-ritratti li juru dak li seħħ ġewwa l-ħanut tiegħu.

**Ryan Dimech**[40], sid il-ħanut bl-isem Basic Food & Drinks, xehed illi huwa kien għadda footage lill-Pulizija ta' persuna li kienet daħlet fil-ħanut tiegħu u ppruvat tħallas b'card, liema card però ma kenitx ta' tali persuna. Mistoqsi għal iktar dettalji Dimech qal li dakinhar huwa ma kienx qiegħed xogħol iżda kien hemm il-lavrant

---

[38] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023, fol. 94 sa' 97 tal-proċess.

[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023, fol. 98 sa' 102 tal-proċess.

[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023, fol. 226 sa' 228 tal-proċess.

tiegħu, ċertu Harish li madanakollu ma kienx għadu jaħdem miegħu u lanqas baqa' Malta. Muri l-istills mit-timelime esebit bħala Dok. "NB", Ryan Dimech għaraf il-ġewwa tal-ħanut tiegħu kif ukoll il-lavrant tiegħu, iżda ma seta' jagħraf lil ħadd iktar.

**Lorraine Attard**[41], in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c., xehdet illi Helen Spiteri kellha Debit Card bin-Numru 4588701902423594 abbinata mas-savings account tagħha ma' l-istess Bank. Stqarret però illi fit-2 ta' Jannar 2023 ma irriżultaw l-ebda transazzjonijiet b'din id-Debit Card, la li għaddew u lanqas li ġew rifjutati. Spjegat illi jekk it-transazzjoni ma tgħaddix din ma tkunx tidher fuq l-istatement tad-Debit Card iżda *saret anke riċerka biex jaraw jekk kienx hemm entrata f'dik il-ġurnata* - li turi anke jekk it-transazzjoni tkun ġiet rifjutata - *u ma kienx hemm l-ebda.* Stqarret ukoll li għalkemm transazzjoni tista' tgħaddi ġranet wara li ssir, din tkun tidher fl-istatement dwar l-attività tad-Debit Card fil-ġurnata li tkun saret. Lorraine Attard ippreżentat statement relattiv għad-Debit Card ta' Helen Spiteri markat Dok. "LA" a fol. 88 sa' 93 tal-proċess.

**Dr. Sarah Rausi**[42], in rappreżentanza ta' Bank of Valletta p.l.c., xehdet illi dakinhar tat-2 ta' Jannar 2023 saru ħames transazzjonijiet bil-BOV card ta' Helen Spiteri, fejn waħda minnhom għaddiet filwaqt li r-rimanenti erba' transazzjonijiet ma għaddewx. Dawn it-transazzjonijiet seħħew San Ġiljan/Paceville, hekk kif jirriżulta mid-dokument esebit minnha markat Dok. "SR" a fol. 193 tal-proċess.

**Saviour Spiteri**[43] xehed illi fl-1 ta' Jannar 2023 hu u l-mara tiegħu marru jieħdu drink ġo bar il-Qawra jismu Watsons. Stqarr illi *kif daqq nofs il-lejl, waqfet il-music u bdejna nimxu. Jiena ma nistax nimxi għax għandi bżonn hip replacement u imxejt quddiem biex il-mara tiġi my pace. … Il-mara għandha 72 sena u jiena għandi 84 sena. … Kif wasalna biex induru għall-hotel għax konna weekend fis-Sunseeker Hotel, ġie xi ħadd minn wara, il-mara qalet għax jiena ma rajtux għax kont quddiemha, qabdilha l-baskett u sabbatha ma' l-art. Issa din qisha ħadet qatgħa u ma tkellmitx. Imbagħad ħassejt qisu commotion u kif dort, kont digà daqsxejn il-quddiem jien u rajt lil dan il-persuna, wiċċu ma rajtux għax kien bil-hoodie, ġibdilha l-handbag u telaq jiġri lejn l-għalqa. Ippruvajt niġri warajh imma ma nistax niġri.* Saviour Spiteri ddikjara li ma jistax jagħti deskrizzjoni ta' dan ir-raġel għax kull ma ra kienet persuna qed tiġri. Ikkonferma li martu għandha implant f'rasha li tmur ma' processor li jeħel fuq barra u dana sabiex tkun tista' tisma'. Dak il-ħin dan il-processor kienu spiċċawlu l-batteriji u allura martu daħlitu fil-handbag li eventwalment insterqilha. Apparte dan il-processor, li minn verifika li għamel ma' l-Isptar rriżulta li jiswa madwar €10,000, fil-handbag il-mara tiegħu kellha wkoll żewġ cards tal-Bank, waħda HSBC li taħdem bil-pin u oħra tal-BOV li taħdem bil-pin u hija contact less ukoll. X'ħin mar lura l-lukanda Saviour Spiteri waqqaf il-card tal-BOV iżda wara ftit ħin irċieva SMS fejn ġie nfurmat li l-card in kwistjoni ġiet użata f'San Ġiljan. Kif sar jaf dan huwa avża lill-Pulizija ta' l-Għassa.

[41] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023, fol. 85 sa' 87 tal-proċess.

[42] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, fol. 191 u 192 tal-proċess.

[43] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 197 sa' 200 tal-proċess.

Fl-aħħar tax-xhieda tiegħu stqarr li huwa ma jistax jagħraf lil min seraq il-baskett ta' martu għax dak il-ħin rah minn dahru biss.

**Helen Spiteri**[44] xehdet illi nhar l-ewwel tas-sena (2023) hi u r-raġel tagħha marru ħadu drink ġo bar fi Triq it-Turisti, Buġibba u stqarret illi *at about midnight we walked down because we were staying at the Sunseeker Hotel for a few days. … I walked behind him* (ossia r-raġel tagħha) *because he's got a very bad hip and he needs an operation so I walked behind him to make sure that he's alright. Then somebody I have never seen, I didn't see the face, I just saw a hood form the side and he tried grabbing my bag and I didn't give it to him and he threw me on the floor and then I must have gone unconscious … I don't know anymore, I was on the floor and then, I don't know how long after, I got up and I saw my husband ixejjer il-bastun but he couldn't run after them because his legs are no good.* Bħala deskrizzjoni kull ma setgħet tgħid huwa li kien liebes hoodie blu skur u bħala statutura kien ftit ikbar minnha. Stqarret li fil-handbag kellha żewġ cards tal-Bank, waħda ta' l-HSBC u l-oħra tal-BOV, nuċċali, il-karta ta' l-identità u xi flus. Apparte minn dawn kellha wkoll processor ta' *cochlear implant* li mingħajru ma tistax tisma'. Dan il-processor kien fil-handbag ghax kienu spiċċawlu l-batteriji. Wara li ġiet f'tagħha wara dan l-akkadut hija marret l-Għassa tal-Pulizija biex tagħmel rapport. Ikkonfermat ukoll li hi għandha 72 sena filwaqt li r-raġel tagħha għandu 83 sena. Mitluba tagħrafx lil xi ħadd fl-Awla in konnessjoni ma' dan l-inċident, Helen Spiteri wieġbet *No idea.* In kontro-eżami kkonfermat illi l-processor il-ġdid għall-cochlear implant tħallas mill-Audiology Department ta' l-Isptar Mater Dei.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħhom flimkien, l-imputati qed jiġu mixlija talli fit-2 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' bejn l-00:10hrs u l-00:40hrs ta' filgħodu ġewwa Triq l-Imsell kantuniera ma' Triq it-Turisti u/jew fl-akkwati ġewwa San Pawl il-Baħar, ikkommettew serq ta' oġġetti minn fuq il-persuna ta' Helen Spiteri, persuna anzjana ta' tnejn u sebgħin (72) sena, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' l-istess Helen Spiteri, u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entitajiet oħra.

Din l-imputazzjoni ġiet riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali tant illi fiha indika l-Artikoli 20, 257D(1)(a), 261(ċ)(f), 267, 270, 279(b), 280(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda r-reat ta' serq issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta'*

[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 201 sa' 205 tal-proċess.

*serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini "presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente". Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, min jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' misapproprjazzjoni. Fil-fatt, kif già ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova b'mod sodisfaċenti, anzi lil hinn minn kull dubju raġonevoli li nhar it-2 ta' Jannar 2023 ftit wara nofsilejl, waqt li kienet fi Triq it-Turisti, kantuniera ma' Triq l-Imsell, San Pawl il-Baħar, flimkien ma' żewġha Saviour Spiteri, Helen Spiteri sfat misruqa, senjatament insterqilha l-handbag. Irnexxielha tipprova mod sodisfaċenti wkoll, anzi lil hinn minn kull dubju raġonevoli, li fost l-oġġetti li kellha fil-handbag, Helen Spiteri kellha wkoll processor formanti parti mill-cochlear implant tagħha, bżonjuż għaliha biex tisma'[45], liema processor għandu valur ta' bejn €9,000 u €10,000[46]. Apparte minhekk insterqu ukoll, u dana jirriżulta wkoll lil hinn minn kull dubju raġonevoli, fost affarijiet oħra, żewġ cards ta' Helen Spiteri: waħda ta' l-HSBC Bank u l-oħra tal-Bank of Valletta.

---

[45] Vide xhieda ta' Helen Spiteri mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 201 sa' 205 tal-proċess.

[46] Vide xhieda ta' l-Ispettur Stephen Gulia mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2023 a fol. 185 tal-proċess u d-dokument esebit minnu markat Dok. "SGA" a fol. 186 tal-proċess u x-xhieda ta' Jacqueline Busuttil, Professional Lead Audiology Services fl-Ispater Mater Dei, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2023 a fol. 187 u 188 tal-proċess.

Jirriżulta debitament ippruvat, u addirittura lil hinn minn kull dubju raġonevoli, li Helen Spiteri, il-vittma f'dawn il-proċeduri, fiż-żmien tar-reat kellha wieħed u sebgħin sena - vide estratt taċ-ċertifikat tat-twelid tagħha esebit mill-Ispettur Lydon Zammit markat Dok. "LZM2" a fol. 211 tal-proċess.

Kemm Saviour Spiteri kif ukoll Helen Spiteri stqarru li s-serqa seħħet minn persuna waħda. Huma però ma rawx min kien il-malvivent għar-raġuni li dak il-ħin, li jiġi ribadit kien ftit minuti wara nofsilejl, kien id-dlam, dan ġie minn wara Helen Spiteri, illi waqt is-serqa ġiet ukoll imbuttata ma' l-art u ntilfet minn sensiha, u kif ħataf il-handbag telaq jiġri lejn għalqa kbira li hemm ftit il-bogħod minn fejn seħħ il-każ[47].

Madanakollu però l-Pulizija Eżekuttiva, tramite l-investigazzjonijiet tagħha, irnexxielha tiskopri u tistabilixxi li l-cards tal-Bank ta' Helen Spiteri kienu jinsabu fil-pussess ta' l-imputati Depty Naval u Davinder Singh. In effetti rriżulta li ftit ħin wara li seħħet is-serqa, u cioè għall-ħabta tas-1:00a.m., il-card tal-Bank of Valletta ta' Helen Spiteri ntużat fit-taxi booth ta' Paceville biex titħallas taxi fare ta' €20. Minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li ċertu Kevin Charles Falzon, taxi driver, kien rikkeb liż-żewġ imputati mill-akkwati ta' Kennedy Grove, in segwitu rriżulta mhux wisq il-bogħod minn fejn kienet seħħet is-serqa u mill-għalqa lejn fejn ħarab il-malvivent[48], u wassalhom Paceville appuntu għall-ħabta tas-1:00a.m. Peress li riedu jħallsu permezz ta' card, kif waslu Paceville Falzon niżel mit-taxi, l-imputati niżlu warajh u l-imputat Depty Naval uża l-card tal-Bank of Valletta ta' Helen Spiteri biex iħallas il-fare tat-trip[49]. L-imputati ma waqfux jużaw il-card ta' Helen Spiteri għaliex irriżulta li bejn is-1:00a.m. u 1:30a.m.[50] huma ppruvaw jużaw din il-card erba' darbiet oħra, darbtejn għand Asian Kingdom, San Ġiljan, għall-valur ta' €70 kull darba, u darbtejn għand Basic Food and Drinks, San Ġiljan, għall-valuri ta' €4.45 u €0.95, iżda f'kull waħda minn dawn l-erba' transazzjonijiet il-card ma għaddietx peress illi Saviour Spiteri kien laħaq waqqafha mal-Bank[51]. Irriżulta wkoll mill-provi prodotti li f'dan il-ħin kollu, ossia ftit tal-ħin wara li seħħet is-serqa meta Kevin Charles Falzon rikkibhom fit-taxi tiegħu u tul il-ħin kollu għamlu jew ittentaw jagħmlu użu mill-card ta' Helen Spiteri, iż-żewġ imputati kienu kontinwament flimkien. Mill-akkwati ta' Kennedy Grove rikbu t-taxi flimkien, niżlu

---

[47] Vide xhieda ta' Saviour Spiteri u ta' Helen Spiteri mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 197 sa' 205 tal-proċess.

[48] Vide xhieda in eżami u in kontro-eżami ta' l-Ispettur Lydon Zammit mogħtija waqt is-seduti tal-15 ta' Frar 2023, fol. 16 sa' 19 tal-proċess u 9 ta' Mejju 2024, fol. 246 sa' 250 tal-proċess.

[49] Vide xhieda ta' PC823 Neil Blundell mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2023 a fol. 28 sa' 30 tal-proċess kif ukoll it-timeline esebit minnu markat Dok. "NB" a fol. 31 sa' 41 tal-proċess u r-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku John Sacco markata Dok. "JSX" a fol. 140 sa' 184 tal-proċess, xhieda ta' Kevin Charles Falzon mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023, fol. 94 sa' 97 tal-proċess u x-xhieda ta' Dr. Sarah Rausi in rappreżentanza tal-Bank of Valletta mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, a fol. 191 u 192 tal-proċess u d-dokument esebit minnha markat Dok. "SR" a fol. 193 tal-proċess.

[50] Vide xhieda ta' PC823 Neil Blundell mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2023 a fol. 28 sa' 30 tal-proċess kif ukoll it-timeline esebit minnu markat Dok. "NB" a fol. 31 sa' 41 tal-proċess u r-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku John Sacco markata Dok. "JSX" a fol. 140 sa' 184 tal-proċess.

[51] Vide xhieda ta' Dr. Sarah Rausi in rappreżentanza tal-Bank of Valletta mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, a fol. 191 u 192 tal-proċess u d-dokument esebit minnha markat Dok. "SR" a fol. 193 tal-proċess u xhieda ta' Xijun Hu, Manager ta' Asian Kingdom, mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023, fol. 98 sa' 102 tal-proċess u xhieda ta' Ryan Dimech, sid ta' Basic Food & Drinks, mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023, fol. 226 sa' 228 tal-proċess. Vide wkoll xhieda ta' Saviour Spiteri mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023, fol. 197 sa' 200 tal-proċess.

Paceville flimkien u baqgħu jduru hemm flimkien u lejn San Ġiljan, u jekk wieħed minnhom jidħol f'ħanut u jipprova juża l-card, l-ieħor jibqa' jistenna barra[52].

Għalkemm entrambe l-imputati jiċħdu l-involviment tagħhom fis-serqa in kwistjoni u l-imputat Depty Naval addirittura jikkontendi li huwa fl-ebda ħin ma kien jinsab fl-akkwati ta' San Pawl il-Baħar u li ltaqa' ma' l-imputat Davinder Singh ġewwa Paceville[53] - allegazzjoni din għal kollox imxejna mill-filmati analizzati kemm mill-Pulizija kif ukoll mill-Espert Tekniku John Sacco u viżjonati minn din il-Qorti stess - ma hemmx dubju li fil-każ in eżami ssib applikazzjoni bis-sħiħ *the doctrine of unlawful possession of recently stolen goods*, illi, flimkien ma' riżultanzi proċesswali oħra, twassal għall-prova ċara u lil hinn minn kull dubju raġonevoli tal-ħtija ta' l-imputati għar-reat mertu ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

Fir-rigward ta' l-imsemmija dottrina issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Borg, Appell Nru. 3/2020** deċiża fl-20 ta' Ottubru 2020, fejn ġiet ċitata s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et" ukoll deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998: *it-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħdehom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti (Vol. LXXIII 1998 Part IV fol. 322). Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21-126. "There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The 'rule' is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom, and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should so be directed: see R v. Loughlin, 35 Cr. App. R 69; R. Seymour 38 Cr App. R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery. In R v. Smythe 72 Cr. App. R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence 5<sup>th</sup> ed., p. 49 (now 8<sup>th</sup> ed. p.35). If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods*

---

[52] Vide xhieda ta' PC823 Neil Blundell mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2023 a fol. 28 sa' 30 tal-proċess kif ukoll it-timeline esebit minnu markat Dok. "NB" a fol. 31 sa' 41 tal-proċess u r-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku John Sacco markata Dok. "JSX" a fol. 140 sa' 184 tal-proċess.

[53] Vide traskrizzjoni ta' l-stqarrija rilaxxata minn Depty Naval esebita minn Dr. Alexandra Mamo waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2023 - Dok. "AM" a fol. 49 sa' 70 tal-proċess (stqarrija ta' Naval).

*are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue. Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence that tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the available evidence'. … Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija Spettur David Saliba v. Jesmond Gatt"*[54] *ġie ikkunsidrat li "Archbold fil-ktieb tiegħu Criminal Practice 1996 pg.18 para F3.28 jiddisponi s-segwenti: "In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced in untrue, they are entitled to infer, according to the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly". Cross and Tapper fil-ktieb tagħhom "Evidence" paġna 35 jagħti l-istess spjegazzjoni għat-teorija in eżami u cioè huma jgħidu s-segwenti:- "If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen". … Dwar il-ħin neċessarju sabiex il-pussess jissejjaħ riċenti l-Qorti tagħmel referenza għall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari lil Cross and Tapper li jgħidu s-segwenti: "It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict". Archbold fl-opera fuq ċitata jgħid:- "Relevant factors include the nature of the property, its saleability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged". Din it-teorija tal-pussess riċenti tal-ħaġa misruqa ilha għal numru konsiderevoli ta' snin dejjem tiġi aċċettata u addottata mill-Qrati tagħna b'mod konsistenti anke minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Silvano Cilia" deċiża fil-wieħed u tletin ta' Mejju 2000. Din it-teorija kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija nhar il-ħdax ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Freddie sive Alfred Zahra" qiegħda hemm sabiex jiġi*

[54] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar 2001.

*stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta' serq, li għandu fl-ewwel lok jiġi ppruvat li sar, u is-suspettat li għandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-ħin jew żmien wara s-serqa, nexus li purche jiġu stabbiliti r-rekwiżiti kollha ta' din it-tejorija jwassal sabiex jinkjoda u jorbot lill-pussessur bis-serq ta' l-oġġett misruq għandu ftit tal-ħin wara s-serqa. … Din it-teorija tistabilixxi presunzjoni ta' fatt kontra l-imputat u l-oneru biex jispjega dan il-fatt jaqa' fuqu. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha mingħajr dubbju ta' xejn tipprova li l-imputat kien fil-pussess taċ-ċekkijiet misruqa f'ċirkostanzi dubbjużi waqt li l-imputat ma offra l-eba spjegazzjoni fl-ebda ħin.*

Fil-każ in eżami l-imputati mhux biss ma taw l-ebda spjegazzjoni ġustifikata jew ġustifikabbli l-għala kellhom fil-pussess tagħhom il-cards tal-Bank ta' Helen Spiteri li kienu għadhom kif insterqulha, iżda addirittura hemm prova ċara tal-presenza tagħhom fl-akkwati ta' fejn seħħet is-serqa a dannu ta' l-imsemmija Helen Spiteri, u dana fil-ħin ta' l-istess serqa, jew ta' l-inqas verament ftit ħin wara. In effetti rriżulta li ftit ħin wara li seħħet din is-serqa, iż-żewġ imputati rikbu fit-taxi ta' Kevin Charles Falzon mill-akkwati ta' Kennedy Grove, f'distanza mhux il-bogħod minn fejn seħħet is-serqa, u marru Paceville, fejn hemm bdew jagħmlu użu mill-cards ta' Spiteri.

Jista' jiġi argumentat li dawn huma provi indizzjarji fir-rigward ta' l-imputati, għalkemm il-pussess tal-cards ta' Helen Spiteri jirriżulta b'mod car mill-filmati miġbura minn diversi postijiet f'Paceville/San Ġiljan u anke mill-informazzjoni provdut mir-rappreżentant tal-Bank of Valletta[55], iżda l-Qorti tfakkar li huwa ormai prinċipju ġuridiku assodat li provi indizzjarji jafu jkunu b'saħħithom biżżejjed biex iwasslu għal sejbien ta' ħtija ta' imputat (f'dan il-każ ta' imputati) mixli bir-reat partikolari.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dylan Agius**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Lulju 2016, ingħad illi *l-ġurist Ingliż Pollock jiddeskrivi l-prova ċirkostanzjali u t-tifsira ta' l-univoċità tagħha bis-segwenti mod: It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.*

In oltre fir-rigward tal-provi indizzjarji, Archbold jgħid li *where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by dismissing other possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA*

---

[55] Vide xhieda ta' PC823 Neil Blundell mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2023 a fol. 28 sa' 30 tal-proċess kif ukoll it-timeline esebit minnu markat Dok. "NB" a fol. 31 sa' 41 tal-proċess u r-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku John Sacco markata Dok. "JSX" a fol. 140 sa' 184 tal-proċess, u x-xhieda ta' Dr. Sarah Rausi in rappreżentanza tal-Bank of Valletta mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, a fol. 191 u 192 tal-proċess u d-dokument esebit minnha markat Dok. "SR" a fol. 193 tal-proċess.

*Crim. 2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for the local authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been wrong to find that there was no case to answer; it could be inferred from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.6.*

Il-Qorti tqis li l-provi <u>kollha</u> prodotti mill-Prosekuzzjoni <u>meħuda flimkien</u> huma tali u b'saħħithom biżżejjed biex jippruvaw lil hinn minn kull dubju raġonevoli li entrambe l-imputati huma ħatja tas-serqa a dannu ta' Helen Spiteri kif dedott fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrihom.

Għalkemm Helen Spiteri u Saviour Spiteri entrambe xehdu li s-serqa in kwistjoni twettqet minn persuna waħda, il-Qorti, fid-dawl ta' dak li rriżulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, partikolarment li ż-żewġ imputati kienu preżenti fl-akkwati ta' fejn seħħet is-serqa in kwistjoni, ma għandhiex dubju li ż-żewġ imputati kienu ko-awturi f'dan ir-reat. Hawn issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dylan McKay, Appell Nru. 523/16** deċiża fid-29 ta' Novembru 2018, dwar il-figura tal-ko-awtur ta' reat: *Issa, allura, sabiex l-appellant seta' jinstab ħati bħala ko-awtur f'dan id-delitt irid jirriżulta soddisfaċentement pruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, illi kien hemm il-parteċipazzjoni materjali tiegħu mal-eżekutur dirett tal-att konsumat tar-reat iżda u fuq kollox illi huwa ippresta il-kooperazzjoni diretta u essenzjali għall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura neċessarjament jimplika illi irid ikun hemm il-ftehim preordinat bejn dawn it-tnejn minn nies ai fini li jiġi kommess is-serq mertu tal-każ. Mankanti l-prova ta' dina l-intenzjoni u cioè ta' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jingħad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tieħu l-ħajja. Kwindi irid jiġi ppruvat sal-grad taċ-ċertezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt. [1: App Krim 24/05/2002 Il-Pulizija vs Carmelo Agius et.]. Magħmula allura dina l-kostatazzjoni, kellu jiġi ppruvat qabel xejn mill-prosekuzzjoni illi l-appellant kellu 'l hekk imsejjaħ common design mal-awtur tar-reat, kif allegat.*

Fil-fehma tal-Qorti l-ftehim bejn l-imputati li titwettaq is-serqa fuq Helen Spiteri bi gwadan a dannu tagħha jirriżulta b'mod ċar mill-azzjonijiet tagħhom hekk kif twettaq ir-reat in kwistjoni. Entrambe telqu flimkien minn fuq il-post tar-reat u b'effett pratikament immedjat bdew jagħmlu użu tal-cards tal-Bank tagħha a vantaġġ tagħhom. L-ewwel ma għamlu ħallsu t-taxi fare mill-akkwati ta' Kennedy

Grove sa' Paceville, u dana f'inqas minn siegħa mill-ħin tas-serqa u mbagħad ippruvaw jottjenu s-somma ta' €70 in kontanti u ttentaw ukoll jagħmlu akkwisti oħra, kollox imħallas tramite l-card u b'hekk il-flus ta' Spiteri. Dan il-pjan li kellhom ma twettaqx fl-intier tiegħu, ossia l-cards ma bdewx jgħaddu, għaliex Saviour Spiteri kien laħaq imblokka l-card tal-BOV u permess li l-card ta' l-HSBC kienet bil-pin, ma setgħux jgħaddu transazzjonijiet biha għaliex il-pin ma kienux jafuh. Anke il-mod kif operaw l-imputati juri li kien hemm ftehim bejniethom: mill-filmati esebiti u l-istills relattivi jirriżulta li meta bdew jidħlu fil-ħwienet biex jagħmlu akkwisti u jħallsu bil-cards jew bħal fil-każ ta' l-Asian Kingdom, jippruvaw jottjenu flus kontanti versu ħlas għalihom bil-cards, tipikament kien jidħol wieħed minnhom biss - u fil-maġġor parti tad-drabi b'rasu mgħottija bil-hood tal-ġakketta u/jew il-hoodie - u l-ieħor jibqa' jistenna barra, u jidħol biss jekk jara li hemm xi problema biex tgħaddi l-card in kwistjoni.

Fil-fehma tal-Qorti fid-dawl ta' dak kollu li rriżulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, ma hemm assolutament l-ebda dubju f'moħħha li entrambe l-imputati ftehmu dwar u kienu involuti fis-serqa a dannu ta' Helen Spiteri u għaldaqstant entrambe għandhom jinstabu ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien.

Bit-**tieni u t-tielet imputazzjoni** dedotti fil-konfront tagħhom flimkien l-imputati qed jiġu mixlija: (2) talli fit-2 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' bejn 00:50hrs u 03:00hrs ġewwa l-lokalità ta' San Ġiljan, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama, ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Helen Spiteri, persuna anzjana ta' tnejn u sebgħin (72) sena u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, liema ammont ta' ħsara hekk magħmula ma tiskorrix il-ħames mitt Euro (€500); (3) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hekk kif indikat fl-akkuża Nru.2, bi ħsara ta' Helen Spiteri, persuna anzjana ta' tnejn u sebgħin (72) sena u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoi ta' qabel l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tas-Sub-Titolu III tat-Titolu IX tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema qligħ hekk magħmul ma jiskorrix il-ħames mitt Euro (€500).

Dawn l-imputazzjonijiet ġew riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali illi fil-fatt indika *inter alia* l-Artikoli 308, 309 u 310(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minkejja l-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, illi jistabilixxu lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati huma ħatja tar-reat ta' serq aggravat a dannu ta' Helen Spiteri u li kellhom fil-pussess tagħhom il-cards tal-Bank tagħha u għamlu użu mill-card tal-BOV u ttentaw jagħmlu użu ulterjuri miż-żewġ cards in kwistjoni, il-Qorti issibha ferm diffiċli tasal għall-konklużjoni li l-istess imputati huma ħatja

tar-reat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew tar-reat ta' frodi nnominata ai termini ta' l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-elementi meħtieġa sabiex jissussisti r-reat ta' truffa jew sabiex jissussisti r-reat ta' frodi nnominata, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Farrugia et**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Diċembru 2011, fejn ġie osservat illi *fil-Liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata jrid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi haġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegħ għall-aġent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raġġiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll mis-en-scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).* Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Peter Agius et**, deċiża fis-16 ta' Diċembru 2021, ġie osservat illi *dak li jikkostitwixxi "raġġiri" u "artifizji" li huma meħtieġa biex jiġi ravviżat ir-reat ta' truffa, ukoll huwa ben stabbilit. Fi kliem Antolisei "... artifizio è ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realtà effetuato sia simulando ciò che non esiste, sia dissimulando ... ciò che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: più precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verità. .... È certo che l'espressione del codice di per sè richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera". Ġie kostantement ritenut illi m'huwiex biżżejjed għall-finijiet tar-reat ta' truffa, "affermazzjonijiet, lużingi u promessi", mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibbilità l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Madanakollu, fl-istess waqt, dawn ir-raġġiri jew artifizzji li jiġu impjegati mill-aġent tar-reat m'għandhomx għalfejn ikunu "... xi haġa kkumplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet"*[56]*. Kwantu, speċifikatament, l-element formali tar-reat, ingħad: ".... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun fi profit inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttività tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo."*[57]

Fil-fehma tal-Qorti dawn l-elementi fil-każ in eżami ma jissussistux. L-użu tal-cards tal-Bank ta' Helen Spiteri da parte ta' l-imputati meta kienu Paceville/San Ġiljan, huwa iktar marbut mar-reat ta' serq, li tiegħu qed jinstabu ħatja, milli mar-reat ta' truffa u/jew frodi innominata.

Hawn issir referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ali Alfred Mouldi, Każ Nru. 384/09** deċiża fl-10 ta' Lulju 2013, fejn hemm ukoll l-imputat, illi allegatament kellu fil-pussess tiegħu card

---

[56] Il-Pulizija v. Emanuel Ellul, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997.

[57] Il-Pulizija v. Charles Abela, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-6 ta' Lulju 2016.

tal-Bank ta' terza persuna u għamel użu minnha, ġie mixli bir-reat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dik il-Qorti qalet illi: *il-Qorti tistqarr illi t-teħid tal-credit card mill-imputat jew sieħbu jew minnhom it-tnejn jixbaħ iktar ir-reat tas-serq milli dak tal-frodi u dana għaliex l-element ta' l-hekk imsejjaħ mis-en-scene huwa nieqes. Hawnhekk ma kienx hemm mezzi ta' raġġiri, artifizji jew xi użu ta' ingann li wassal sabiex il-vittma ta' dan ir-reat … jiġi ngannat mill-imputat. Biex jissussisti r-reat tal-frodi jeħtieġ neċessarjament illi s-suġġett attiv jadopera mezzi sabiex iġiegħel lill-vittma tiegħu jagħmel xi ħaġa li solitament ma kienx jagħmel, jew bil-maqlub illi jġiegħel lill-vittma tiegħu ma jagħmilx xi ħaġa li solitament huwa jagħmel. Il-vittma jrid ikun ġie ngannat b'xi ħaġa illi jagħmel il-frodatur li jġiegħlu jemmen realtà li fil-verità ma teżistix. Illi l-Carrara jagħti s-segwenti definizzjoni tar-reat tas-serq: "Contrectatio dolosa della cosa altrui, fatto invito domino, con animo di farne lucro". Il-Professur Mamo imbagħad fin-noti tiegħu dwar id-dritt penali jkompli igħid: An analysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:- 1. The contrectatio of a thing; 2. belonging to others; 3. made fraudulently; 4. without the consent of the owner; 5. animo lucrandi. F'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fit-30 ta' Jannar 2003, il-Qorti tagħmel esposizzjoni dettaljata ta' dak li jgħidu l-awturi fosthom il-Carrara, Crivellari u l-Professur Mamo: Il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui … per lucro qui non s'intende un effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se stesso. Il-Crivellari mbagħad jgħid: l'elemento intenzionale nel furto non si cotruisce già col solo animo di prednere ma coll'animo di lucrare. Illi għalhekk il-fattispecie ta' dana l-każ iktar jixbħu r-reat tas-serq milli tal-frodi billi qed jiġi allegat illi l-imputat u sieħbu serqu dina l-credi card, imbagħad għamlu użu tagħha bi profitt għalihom. Kwindi l-ewwel reat* (ossia dak ta' frodi ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Liġijiet ta' Malta) *lanqas legalment ma hu konċepibbli u mhux biss fattwalment.*

Naturalment dak osservat japplika wkoll għar-reat ta' frodi nnominata ai termini ta' l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputati ma jistgħux u ma għandhomx jinstabu ħatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħhom flimkien.

Bl-**imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu**, l-imputat Depty Naval qed jiġi mixli talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., fid-Digriet tagħha datat 17 ta' Diċembru 2020, li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

Din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Depty Naval waħdu tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali illi fiha ndika l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Ispettur Lydon Zammit ippreżenta Digriet għal Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Edwina Grima fis-17 ta' Diċembru

2020 - Dok. "LZW1" a fol. 214 tal-proċess. Li dan id-Digriet ingħata fil-konfront ta' l-imputat odjern Depty Naval ġie kkonfermat mill-Ispettur Jonathan Cassar, l-uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri li fihom ingħata dak id-Digriet, illi kkonferma wkoll li tali Digriet kien (għall-inqas sad-data tax-xhieda tiegħu) għadu in vigore.

Fl-imsemmi Digriet hemm diversi kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat Depty Naval għall-finijiet ta' ħelsien mill-arrest, fosthom il-kondizzjoni li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja tul il-perijodu ta' ħelsien mill-arrest u li tul dan l-istess perijodu ta' ħelsien mill-arrest jirtira ġewwa dar fejn joqgħod mhux iktar tard mid-9:00p.m. u ma jerġax joħroġ Qabel is-7:00a.m. ta' l-għada filgħodu.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat Depty Naval kiser dawn iż-żewġ kondizzjonijiet: fl-ewwel lok jirriżulta li fit-2 ta' Jannar 2023 huwa kien qiegħed barra - San Pawl il-Baħar u Paceville/San Ġiljan - fis-siegħat bikrin ta' filgħodu u għalhekk fil-ħin li suppost kien qiegħed id-dar u fit-tieni lok huwa, flimkien ma' l-imputat l-ieħor, qed jinstab ħati li wettaq ir-reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-ħin a dannu ta' Helen Spiteri, anzjana, dak iż-żmien, ta' 71 sena.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma hemmx dubju li l-Qorti għandha ssib lill-imputat Depty Naval ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu qed jinstabu ħatja l-imputati flimkien, inkluż il-fatt li twettaq fuq persuna anzjana illi per di più ġie kkawżat Lilha preġudizzju u skomdu għaliex spiċċat għal ċertu perijodu ta' żmien ma tistax tisma' peress li fil-handbag li insterqilha kellha l-processor formanti parti mill-cochlear implant minnha meħtieġ appuntu biex tista' tisma'. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputati ma wrew assolutament l-ebda rimors għal dak li għamlu, lanqas meta ntalbu biex ta' l-inqas jindikaw x'għamlu bil-handbag biex forsi l-processor hekk meħtieġ minn Helen Spiteri seta' jiġi rkuprat. Ikkunsidrat ukoll in-natura tar-reat li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat Depty Naval waħdu li jikkonsisti appuntu fil-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħeslien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Diċembru 2020. Fir-rigward ta' l-imputat Depty Naval ikkunsidrat ulterjorment li għall-finijiet ta' piena l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu tiġi assorbita - għal dak li jirrigwarda lilu - fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputat Davinder Singh.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li mhux qed issib lill-imputati Depty Naval u Davinder Singh ħatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħhom flimkien u b'hekk tilliberahom minnhom, wara li rat u kkunsidrat:

A. L-Artikoli 257D(1)(a), 257F(4), 261(ċ)(f), 267, 270 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-**imputat Depty Naval** ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti

fil-konfront tiegħu, ossia ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih flimkien ma' l-imputat Davinder Singh u ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, u tikkundannah għall-perijodu ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) imposta fuq l-imputat Depty Naval bħala depożitu għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest bid-Digriet mogħti mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Edwina Grima fis-17 ta' Diċembru 2020.

Il-Qorti tagħmilha ċara li in segwitu għall-konfiska tas-somma ta' €5,000 ordnata b'din is-sentenza, sabiex l-imputat Depty Naval jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest konċess lilu bid-Digriet tal-Qorti Kriminali tas-17 ta' Diċembru 2020, wara tali konfiska huwa għandu jerġa' jagħmel id-depożitu għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li jagħmel dan huwa ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest konċess lilu u jkun qed jirrendi lilu nnifsu suġġett għar-riarrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju konċess lilu.

U wara li rat u kkunsidrat:

B. L-Artikoli 257D(1)(a), 257F(4), 261(ċ)(f), 267 u 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-**imputat Davinder Singh** ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputat l-ieħor Depty Naval, u tikkundannah għall-perijodu ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva.

Mit-termini ta' priġunerija effettiva li qed jiġu imposti fuq kull wieħed mill-imputati b'din is-sentenza, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li kull wieħed minnhom għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex flimkien u in solidum bejniethom iħallsu lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali s-somma ta' **€4,145.86**[58] rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco.

Kemm-il darba dawn l-ispejjeż ma jitħallsux mill-imputati skond kif premess, ir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali jkun jista' jipproċedi fil-konfront ta' kull wieħed minnhom ai termini ta' l-Artikolu 533(2) u/jew (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[58] Fol. 151 tal-proċess.